**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 36 - IT-TLIETA 28 TA' DIĊEMBRU 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:53.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi-Sindku (virtwali) |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier (virtwali) |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier (virtwali) |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier (virtwali) |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela# | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija: | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1 Is-SE informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Gaffiero kien infurmah li kienet diffiċli għalih li jattendi iżda se jipprova jingħaqad online jekk ikun possibli.

## 2. PA 3012 / 20 - OUTLINE APPLICATION - WASTE TO ENERGY PLANT;

2.1 Is-Sindku infurmat li sejħet din il-laqgħa minħabba li fil-bidu ta' Jannar se tkun qed tagħti l-vot tagħha fil-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar u għalhekk hija trid tivvota skond id-deċiżjoni tal-Kunsill.

2.2 Saret diskussjoni fejn il-Kunsillier Spiteri u s-Sindku semmew fid-dettall il-preokkupazzjonijiet għal dan l-impjant.

2.3 Il-Kunsillier Brincat semma fid-dettall ta' kif dan se jkun ta' benefiċċju meta kkomparat mas-sitwazzjoni preżenti u ta' elenku ta' dak li se jsir. Huwa ippreżenta dokument li talab li jkun jifforma parti mill-minuti (anness f'A).

2.4 Wara d-diskussjoni is-Sindku talbet li jittieħed il-vot li ġie ħames (5) voti favur (is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Cuomo, Deguara u Spiteri) u tliet (3) voti favur (il-Kunsillieri Brincat, Gatt u Abela).

### 3. TMIEM TAL-LAQGĦA

3.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-18:35.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

A

1. Il pajjiz ghandu bzonn jimxi ghal livell iehor. Ma nistghux nibqghu pajjiz tal mizbliet. Se noholqu rizorsa mill iskart.

2. Dan hu l-impjant state of the art li z-zewg partiti proponewh fil manifest taghhom.

3. Kumitat tekniku b'esperti ddecieda fejn ghandu jsir.

L-impjant Waste-to-Energy ser itejjeb l-ambjent ta' Malta b'mod partikolari dik taż-żona tan-Naxxar. Il-proġett qed isir biex ma nkomplux inżidu miżbliet ġodda u minflok ninċineraw dak l-iskart li m'huwiex riċiklabbli, li minnu noħolqu riżorsa.

Dan l-impjant se jipproduċi madwar 5% tal-bżonnijiet elettriċi tal-pajjżi b'mod li hu newtrali għal karbonju. Dan il-proġett imur id f'id mal-pjan tal-Gvern fit-tul għall-immaniggjar tal-iskart sal-2030 li hu bbażat fuq il-kunċett ta' Reduce - Reuse - Recycle.

Aktar minn hekk, eluf ta' tunnellati ta' skart li matul is-snin tħallew jiddikomponu ġol-Magħtab bl-intejjen u l-impatti assoċjati magħhom ser jibdew jiġu ipproċessati bl-aqwa mod possibbli.

Meta wieħed iħares lejn l-ammont ta' skart li jiddaħħal fil-miżbliet mill-ewwel ikun evidenti kemm hemm bżonn ta' dan l-impjant. Medja ta' 300,000 tunnellata ta' skart jidħlu fil-miżbliet tagħna. Dan ser jipproċessa 192,000 fuq żewġ linji, biex jekk 'il quddiem jonqos l-ammont ta skart dan ikun jista jagħti flessibilita assoluta.

Ta' min wieħed jgħid ukoll li dan l-impjant ser ikun mgħammar bl-aqwa teknoloġija ta' tindif tal-arja biex jiżgura li ma jkun hemm ebda impatt negattiv fl-akkwata

Dan l-impjant ilu maħsub, filfatt kien ġie ppreżentat għall-ewwel darba minn amministrazzjoni preċedenti, dak iż-żmien minn Ministru George Pullicino. L-istess

impjant kien imwiegħed miż-żewġ partiti fl-aħħar elezzjoni ġenerali. Kien kumitat b'esperti fosthom il-Professur Edward Mallia u Harry Vassallo li permezz ta' dokument pubbliku irrikonoxxa l-bżonn ta' dan l-impjant u għażel is-sit tal-Magħtab bhala il-post ideali.

Dan id-dokument jgħid:

"SLR concluded that two sites at Maghtab were appropriate locations for a WtE facility. After weighing the different technologies available and the appropriateness of these technologies for the particular waste that would be fed to the facility, and after considering the objectives given by MSDEC to SLR, moving grate technology was chosen as the most appropriate for Malta,"

"The Maghtab Complex was deemed as the least controversial location for siting the plant. The plant would require between 3700 to 5000 square metres of land, excluding ancillaries. At the Maghtab Complex there is already substantial infrastructure for waste management, (weighbridge, administration offices, wheel cleaning facilities, internal roads, security control) which would be wasteful and difficult to re-create in another location. The SLR study included a site selection exercise, shortlisting two sites at Maghtab as being the most appropriate. Although there was general convergence within the committee with regards the appropriateness of Maghtab Complex for such a facility, further studies may need to be conducted for selecting the specific location."

Għaldaqstant Gvernijiet suċċessivi komplew dan il-pjan u l-amministrazzjoni preċedenti ħadmet fuq brief li kien diġa lest li inkluda l-għażla tal-post u anke t-teknoloġija.

L-istudji ambjentali kollha tlestew u ġew approvati mill-ERA.

Permezz ta' dan l-impjant u l-impjanti l-oħra li jifformaw l-ECOHIVE, il-pajjiż ser ikun qed jitbiegħed mill-politika tal-miżbliet, jinqala' mill-aħħar postijiet fuq scoresheets Ewropej

imma aktar importanti minn hekk ser inkunu qed inħallu ambjent aħjar milli sibnieh b'mod partikolari għar-residenti fl-akwati tal-Magħtab.

Dan hu l-ikbar investiment li qatt sar mill-Gvern fl-immaniggjar tal iskart. Se jieħu l-pajjiż għal livell li jmiss.